MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Numru. 691/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Carmel Sacco**

Kumpilazzjoni Nru: 691/2011

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Sacco ta' 45 sena, bin Leonard Sacco u Frances nee Schembri, imwieled il-Pieta fit-8 ta' Mejju 1965, u residenti 2 at Jude Triq il-Militar Kirkop u detentur ta' karta ta' identita b'numru 245965M.

Akkuzat talli fid-19 ta' Mejju 2011 u matul il-granet ta' wara, b' qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt

jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk dik il-persuni tkun tista’ tigu kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat.

U aktar talli f’l-istess data hin lok u cirkostanza ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-rat kien sar.

U aktar talli f’l-istess data hin lok u cirkostanza sar recidiv b’sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula,

Rat l-artikoli 49, 50, 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt it-trattazzjoni d-difiza ssollevat l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem*.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz fil-qosor hafna huma s-segwenti.

Illi fil-15 ta’ Mejju 2011 id-dipartiment ta’ l-Animal Welfare rcieva xi telefonati dwar xi tlett iklieb mizmuma hazin f’l-inhawi ta’ Ghar Hasan. Ghalhekk marru zewg ufficjali biex jinvestigaw. Meta waslu vicin tal-post li kien indikat lilhom kien hemm persuna wara xatba jew cint u ndikatilhom f’liema direzzjoni jridu jmorru. Iz-zewg ufficjali marru fejn indikalhom dan ir-ragel raw it-tlett iklieb pero ma raw xejn li seta’ jindika li dawn il-klieb kienu mizmuma hazin. Waqt li kienu hemm dawn iz-zewg ufficjali semghu qisu krib ta’ kelb, ghalhekk raw minn fejn kien gej dak il-hoss u sabu

kelba midfuna; din il-kelba, li kienet marbuta, kellha griehi kompatibbli ma sparaturi ta' tir ta' senter. Meta z-zewg ufficjali raw hekk cemplu ghal aktar ghajnuna mid-dipartiment taghhom u anke cemplu l-pulizija; fil-fatt fuq il-post waslu ufficjali ohra ta'l-Animal Welfare u l-pulizija tad-distrett. L-imputat kien dak il-persuna li cempel lill-Animal Welfare u li kien fuq il-post u tahom indikazzjonijiet fejn iridu jmorru.

Illi minhabba l-informazzjoni li l-pulizija inghatat mill-ufficjali ta'l-Animal Welfare li kienu fuq il-post, l-Ispettur Caruana kellmet (telefonikament) lill-imputat li allega maghha li certu Alfred Vella, il-garr tieghu, kien responsabbli ghal dak li gara lil kelba. L-ispettur interrogat lil dan Alfred Vella li f'dak l-istadju cahad l-involviment tieghu. Sadattant l-imputat mar jara lill-kelba fic-Centru San Frangisk u hemm, meta kien qed ikellem ufficjal ta'l-Animal Welfare, qal li hu kellu informazzjoni dwar dak li seta' gara pero xtaq jibqa anonimu. L-imputat, x'aktarx fuq suggeriment ta' dan l-istess ufficjal, baghat ittra anonima lill-Animal Welfare li permezz taghha rega' allega li l-garr tieghu Alfred Vella kien responsabbli ghal dak li gara lill-kelba. Din l-ittra giet mghoddija lil pulizija, is-sezzjoni ta'l-A.L.E. Fil-kors ta' l-investigazzjoni taghhom il-pulizija rrealizzaw li kien hemm storja ta' disgwid kontinwu bejn l-imputat u Alfred Vella, ghalhekk huma baghtu ghall-imputat. Hu mill-ewwel ammetta li kien hu li baghat l-ittra anomima. F'dak l-istadju l-imputat inghata d-drittijiet tieghu skond il-Ligi u beda jigi interrogat formalment u anke rrilaxxja zewg stqarrijiet. Fil-kors ta' dawn iz-zewg stqarrijiet huwa ammetta li ghalkemm kien sema' il-krib ta' kelb u l-klieb l-ohra jinbhu, pero lil Alfred Vella ma rahx hemm dak in-nhar; hu sema il-krib ghall-habta tal-11.00 ta' fil-ghodu pero cempel lil Animal Welfare ghall-habta tas-13.00. F'l-istess stqarrija l-imputat ammetta li huwa kien ivvinta kollox fuq Vella ghaliex ried ipattihielu minhabba xi tilwiem li kien hemm bejnithom. Fil-kors ta' l-investigazzjoni imexxija fil-konfront ta'l-imputat l-pulizija ghamlu tfittxija fil-propjeta tieghu u hemm sabu affarijiet konnessi ma'l-kacca u l-insib, u innotaw irregolaritajiet dwar il-zammha u garr ta'armi tan-nar da parti ta'l-imputat. Meta ezaminaw il-fatti li rrizultawlhom il-pulizija dehrilhom

li kelhom bizzejjed provi biex jiehdu passi kontra l-imputat ghal dak li jirrigwarda d-deunzja falza li kien ghamel fil-konfront ta' Alfred Vella; u dan ghamluh permezz tal-proceduri odjerni. Hadu passi ukoll ghal dak li jirrigwarda l-infrazzjoni tar-regolamenti dwar kacca u insib, u zamma u garr ta' armi; dan permezz ta' proceduri sommarji separati u distinti Dawn it-tieni proceduri bdew wara l-kawza odjerna u huma definittivament decizi.

Illi sadattant il-pulizija komplew b'l-investigazzjoni fil-kaz tal-kelba liema investigazzjoni regghet ippuntat lejn Alfred Vella; rega' gie interrogat u dan eventwalment tressaq b'imputazzjonijiet relattivi ghall-mohqrija ikkawzata lill-kelba; hu ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi l-imputazzjonjiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat permezz tal-proceduri odjerni jirreferu ghar-reati predisposti fiz-zewg subartikoli ta'l-artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat
Illi kif diga ntqal l-imputat ssolleva l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem.*

Illi d-difiza qed tikkontendi li z-zewg proceduri tentati kontra l-imputat (dawk dwar l-kacca u l-insib u dwar kundizzjonijiet relatati maz-zammha u l-garr ta' armi tan-nar min-naha, u l-proceduri odjerni min-naha l-ohra) huma bazati fuq l-istess fatti, u la darba l-proceduri dwar l-kacca u insib ecc. huma definittivament konkluzi, allura l-proceduri odjerni ma jistghux jitkomplew.

Illi d-dritt ta' *ne bis in idem* huwa sancit f'diversi dispozizzjonijiet tal-Ligi, fis-sens li huwa sancit kemm fil-Kodici Kriminali, kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li:

*Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra.*

Illi, ghalhekk fit-termini ta' din id-dspozizzjoni tal-Ligi hemm zewg elementi essenzjali u cioe: sentenza li permezz taghha l-imputat gie liberat mill-akkuzi lilu addebietati; u li l-istess imputat jerga jigi sottopost ghal proceduri penali dwar l-istess "fatt" (kif distint minn "reat").

Illi fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo:

*…it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact.*[1]

Illi dwar is-sinifikat ta' l-espressjoni "the same fact" il-Professur Mamo jkompli hekk:

*What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial.*[2]

Illi dan l-insenjament gie riafferment mill-Qorti tal-Appell Kriminali li qalet li:

*B'l-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm f'l-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni –*

[1] Ref Notes on Criminal Procedure pagna 45.
[2] Op cit pagna 44..

*kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett*.[3]

Illi fil-kawza Il-Pulizija vs Nicolai Magrin[4] il-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghamlet analizi approfondita ta' l-aspett kostituzzjonali u konvenzjonali tal-principju ta' *ne bis in idem*; dik il-Qorti qalet hekk:

*Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terga' titressaq mixlija fi proceduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja f'l-ewwel procediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew procedura ta' reviżjoni ta'l-ewwel process. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diga' ngħatat maħfra. Tali principju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodici Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha.*

*Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat.*
*Illi huwa wkoll stabilit li l-principju tan-ne bis in idem imħares f'l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn process dwar reat, m'għandha qatt terga' tgħaddi minn process ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel process…...*

*……...Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk ta'l-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-principju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir.*

[3] Ref Il-Pulizija vs Anthony Vella deciza 19.02.199.
[4] Deciza 26.03.2009.

*Għalhekk, meta wieħed iqis il-principju tan-ne bis in idem għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali…………*

*………Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament guridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieg jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. ……. Madankollu, għall-finijiet ta' stħarrig ta' ksur ta' jedd fundamentali …. tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fil-waqt li l-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt", l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat".*

*Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi tħaddim tar-regola tan-ne bis in idem, "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act".*

*…. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jigifieri kemm dak materjali (l-"actus") u kemm dak formali (il-"mens") tar-reati ipotiżżati fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox. …..*

*Illi, min-naħa l-oħra, l-aspett tal-principju tan-ne bis in idem kif applikat taħt il-Konvenzjoni jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. …….. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-gurnata jagħmel bicca mil-ligi ta' Malta, jipprovdi li ħadd ma jista' jigi ipprocessat jew ikkastigat għal darba oħra fi procediment kriminali taħt il-gurisdizzjoni ta'l-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun gie ipprocessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eccezzjoni fil-każ li, skond il-ligi u l-procedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerga' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti godda li jkunu*

*għadhom kif irriżultaw, jew jekk f'l-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni…....*

*………. Illi l-prinċipju tan-ne bis in idem jimplika ta bilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha.*

*Illi huwa stabilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi artikolu m'huwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn tal-istess reat, imma li l-persuna ma ġgarrabx iżjed minn proċess wieħed dwar dak ir-reat, u għalhekk, l-artikolu jgħodd ukoll fejn persuna tkun diga' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak l-artikolu jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess offiża.*

*Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba f'l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll* ***ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed***[5]*. Dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diga' għaddiet proċeduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret ġudikat.* ***Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi ċirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' proċedimenti – l-aspett tal-"bis" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli***[6]*.*

*Illi l-kwestjoni li tibqa' hi dwar jekk dak il-"bis" huwiex dwar l-istess reat, jiġifieri l-element tal-"idem". ………..*

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*………….. Illi l-istħarrig ta' x'jikkostitwixxi l-"istess" reat minn dejjem kien wieħed li ħalaq kontroversja dwar il-kriterju li jmissu japplika. Huwa magħruf li lanqas il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma segwiet dejjem l-istess kriterju. Kemm hu hekk, jidher li xi drabi mxiet bil-kejl tal-"istess għamil", filwaqt li, f'xi każijiet oħrajn, tqabbel mal-kuncett tal-konkors idejali fejn l-istess għamil jista' jnissel azzjonijiet differenti. Kien hemm każi fejn dik il-Qorti żammet mal-kejl tal-"elementi essenzjali" tar-rejati milquta mill-proceduri ripetuti. ….…..*

*………….. Illi, madankollu, jidher li, f'dawn l-aħħar żminijiet, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterju maħsub biex jagħti "tifsira armonizzata" tal-kuncett ta'l-"istess reat". B'deċiżjoni meħuda mill-Grand Chamber, dik il-Qorti qalet li hija "takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as* ***prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same***[7]*. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard*

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings".*

Illi maghmula din l-espozizzjoni dwar il-punti tad-dritt li jirrigwardaw il-principju ta' *ne bis in idem* huwa car li biex tirnexxi l-eccezzjoni bazata fuq dan id-dritt irid jigi pruvat li l-istess imputat gie issoggettat ghal zewg proceduri penali ghal reati li mhux necessarjament identici li huma pero bazati fuq l-istess fatt, tenut kont kemm ta'l-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll ta'l-element formali tieghu.

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li l-imputat gie issoggettat ghal zewg proceduri penali, pero r-reati li gew addebietati lill-imputat fiz-zewg proceduri penali huma ghal kollox distinti. Ghandu jigi rilevat li dawn ir-reati kollha (cioe dawk elenkati fil-proceduri odjerni u dawk elenkati fil-proceduri gia decizi) huma bazati fuq fatti li irrizultaw mill-istess investigazzjoni. Pero fil-fehma tal-Qorti l-"*idem"* jieqaf hemm. Fil-kors ta'l-investigazzjoni wahda li saret mill-pulizija emergew diversi fatti, fatti separati u distinit minn xulxin. B'mod specifiku l-proceduri gia decizi kienu bazati fuq dak li kkonstataw il-pulizija waqt li ghamlu tfitxxija fil-propjeta ta' l-imputat fit-2 ta' Gunju 2011 meta sabu affarijiet konnessi mal-kacca u insib u armi mhux skond il-licenzji, fil-waqt li l-porceduri odjerni huma bazati fuq l-allegazzjonijiet li ghamel l-imputat fil-konfront tal-garr tieghu, Alfred Vella, fil-perjodu bejn il-15 ta' Mejju 2011 u t-3 ta' Gunju 2011 ma'l-ufficjali ta' l-Animal Werlfare u mal-pulizija.

Illi ghalhekk fit-termini tal-gurisprudenza u dottrina fuq kwotati ma jistax jinghad li z-zewg proceduri tentati kontra l-imputat huma imsejsa fuq l-istess fatti.

Illi konsegwentement l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* qed tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fil-proceduri odjerni huma dawk ta' kalunja reali jew indretta kontemplata f'l-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u simulazzjoni, reali jew indiretta u verbali jew diretta, ta' reat kif kontemplati f'l-artikolu 110(2) ta'l-istess Kapitolu 9. Hemm ukoll imputazzjoni dwar recidiva. Iz-zewg imputazzjonijiet principali huma bazati fuq id-denunzja li ghamel l-imputat fil-konfront ta' Alfred Vella.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet hafna provi biex issostni t-tezi taghha li l-imputat ghamel denunzja fil-konfront ta' Alfred Vella meta mhux biss ma kienx jaf li Alfred Vella kien difen u spara lil kelba, imma lanqas biss seta' jkun jaf li Alfred Vella ghamel hekk, u li konsegwententment l-imputat kien qed jirrapporta l-falz meta stqarr li Alfred Vella kien responsabbli ghall-mohqrija sofferta mill-kelba de quo.

Illi da parti taghha d-difiza qed tikkontesta l-provi dwar fejn seta' kien l-imputat fil-hin li Alfred Vella difen u spara lill-kelba; tissottometti li l-allegazzjonijiet maghmula lill-Animal Welfare ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ghaliex dawn mhux pulizija; tissottometti ukoll li l-allegazzjonijiet maghmula fil-kors ta' l-istqarrija ma jistghux jitqiesu spontanji meta l-ispontanjeta tad-denunzja hija element essenzjali tar-reati li bihom qed jigi addebietat l-imputat. In oltre tissottometti li la darba r-reat li gie denunzjat mill-imputat u fil-fatt gei kommess mill-persuna li ghiet denunzjata minnu allura l-imputat ma jistax jinstab hati. Naturalment il-prosekuzzjoni kkontestat dawn is-sottomissjonijiet u esprimiet ruhha dwarhom.

Illi pero qabel ma tidhol fil-fond tal-kumpless kollu tal-provi kollha prodotti fil-mertu u dwar dawn il-punti in kontestazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tieqaf biex tiehu in konsiderazzjoni xi punti ta' dritt u xi provi li ma jidhrux li huma in kontestazzjoni biex tara

x'konkluzjonijiet tista' tislet minnhom tenut kont ta' l-imputazzjonijiet in ezami u l-elementi essenzjali tar-reati involuti li dawk ta' kalunja verbali jew diretta, l-artikolu 110(1), u taz-zewg forom tas-simulazzjoni ta' reat, l-artikolu 110(2).

Ikkunsidrat

Illi fil-kawza Il-Pulizija vs David Mizzi[8] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Ir-reat ikkontemplat f'l-artiklu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplat f'l-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq,* ***materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm***[9] *bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mil-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti,* ***izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn kunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna***[10]*.*

Illi f'kawza ohra f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell[11] l-istess Qorti qalet hekk dwar il-kalunja kif kontemplata f'l-artikolu 101, reat li ma giex addebiett lill-imputat fil-proceduri odjerni:

*L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha*

[8] Deciza fis-16.02.1998.
[9] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[10] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[11] Deciza fis-17.10.1997.

*li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat"*

Illi dwar il-kalunja reali jew indiretta l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

*The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*[12]

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2), il-Professur Mamo jkompli hekk:

*The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. … **This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person**[13] and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be*

[12] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 58.
[13] Sottolinear tal-Qorti.

*unjustly convicted or charged …. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. …* ***Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation[14].*** *[15]*

Illi fil-kawza fuq kwotata, Il-Pulizija vs David Mizzi, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali  qalet hekk dwar is-simulazzjoni ta' reat:

*Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali jew diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.*

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti fil-kaz in ezami jemergu zewg fatti indiskussi: li l-imputat dejjem kien specifiku fil-konfront ta' min qed jaghmel id-denunzja, cioe Alfred Vella; u li huwa m'ghamel xejn ghajr din id-denuzja, diversi drabi bil-fomm u darba bil-kitba.

Illi kif intqal aktar 'l fuq il-kalunja tista' tkun verbali jew diretta, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 101(1); u tista tkun reali jew indiretta, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1). Fil-proceduri  oddjerna l-imputat  qed jigi addebietat bir-reat

---

[14] Sottolinear tal-Qorti.

[15] Op cit pagna 59 et seq.

kontemplat f'l-artikolu 110(1) cioe l-kalujna reali jew indiretta. Dan, kif diga intqal aktar 'l fuq, jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Pero fil-kaz in ezami l-imputat materjalment ma holoq xejn huwa "sempliciment" qal li kien Alfred Vella li haqar lill-kelba.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma tistax tirrizulta.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirreferi ghal simulazzjoni verbali (diretta) u/jew reali (indiretta) ta' reat.

Illi huwa car mill-konsiderazzjonijiet ta' dritt dwar ir-reati in ezami li s-simulazzjoni tar-reat kontemplata f'l-artikolu 110(2) tissussisti meta l-agent ma jkunx implika lil xi persuna partikolari. Meta l-imputat ghamel id-denunzja lill-pulizija huma dejjem semma' persuna sepcifika, Alfred Vella, ghalhekk ma jistax jinstab hati ta' simpulazjoni ta' reat u konsegwentement lanqas t-tieni imputazzjoni ma tista' tirrizulta.

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva u tiddependi fuq sejbien ta' htija fuq l-imputazzjonijiet l-ohra; la darba l-imputat mhux qed jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet principali lanqas din it-tielet imputazzjoni ma tista' tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------